EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

# *Verzjoni simplifikata ta' xi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Protokolli tagħha*[*]

## *Sommarju tal-preambolu*

Li stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jaħdmu għal-paci w unita akbar ibbazata fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-individwu. Permezz ta' din il-konvenzjoni huma ddeċidew jieħdu l-ewwel passi biex jenforzaw ħafna mid-drittijiet imsemmija fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

## *Artikolu 1 – L'obligu tar-rispett tad-drittijiet tal-individwu*

L-istati għandhom jizguraw li kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-individwu msemmija fil-Konvenzjoni.

## *Artikolu 2 - Id-dritt għal-ħajja*

Għandek dritt għal-ħajja

## *Artikolu 3 – Protezzjoni mit-tortura*

Ħadd ma għandu dritt iweġġħak jew jittorturak. Anke fi zmien ta' detenzjoni d-dinjita' tal-bniedem għandha tiġi rrispettata.

## *Artikolu 4 - Protezzjoni minn skjavitu' u xogħol furzat.*

Ħadd ma għandu jkun trattat bħala skjav jew imġiegħel jagħmel xogħol furzat.

## *Artikolu 5 - Protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja.*

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu.
Kull min jiġi arrestat jew detenut għandu jiġi nformat bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu.
Kull min jiġi arrestat għandu d-dritt jiġi mogħti smigħ fi żmien qasir, jew jigi meħlus sa kemm dan iseħħ.

[*] Dan id-dokument gie preparat mid-Direzzjoni tal-Komunikazzjoni. Din il verzjoni simplifikata hi għal użu edukativ biss u ġiet ispirata mil-verzjoni simplifikata tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem magħmula min Amnestuy International u oħrajn. Il-verzjoni li għandha bażi legali tista tinstab fil-verzjoni ufficjali tal-Konvenzjoni u l- Protokolli tagħha.

## *Artikolu 6 – Id-dritt għal smiegħ xieraq*

Għandek id-dritt għal smiegħ xieraq minn qorti indipendenti w imparziali. Meta int tinsab akkużat b'reat kriminali, int innoċenti sa kemm qorti ma taqtakx ħati. Għandek id-dritt għal avukat; jekk ma tistax tħallsu dan jingħatalek mill-Gvern.

## *Artikolu 7 - Ebda piena mingħajr liġi*

Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat.

## *Artikolu 8 – Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja*

Għandek id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, ta'darek u tal-korrsipondenza tiegħek.

## *Artikolu 9 – Il-libertà ta' kuxjenza u qima.*

Għandek id-dritt tal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u qima. Għandek id-dritt tipprattika ir-religjon tiegħek id-dar u fil-pubbliku, u li taqleb fehmtek jekk din hi għażla tiegħek.

## *Artikolu 10 - Il-libertà tal-espressjoni.*

Għandek id-dritt li tikteb u tagħti l-fehmiet tiegħek b'mod responsabbli mingħajr indħil, u li tircievi informazzjoni min għand ħaddieħor. Dan jinkludi l-libertà tal-Istampa.

## *Artikolu 11 – Il-libertà ta' għaqda w assocjazzjoni.*

Għandekk id-dritt li tingħaqad paċifikament u liberament u tassocja ruħek ma' persuni oħra u b'mod partikolari li tifforma jew tissieħeb f' *trade union* jew u*nions* jew assoċċjazzjonijiet oħra.

## *Artikolu 12 – Id-dritt taż-żwieġ*

Għandek id-dritt tiżżewweġ u jkollok familja.

## *Artikolu 13 – Id-dritt għal-rimedju xieraq*

Jekk tigi pprivat mid-drittijiet tiegħek, tista tieħu l-ilment tiegħek quddiem il-qrati jew awtoritajiet pubbliċi.

## *Artikolu 14 – Protezzjoni minn diskiriminazzjoni*

Dawn id-drittijiet huma tiegħek tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politici, kulur, ilsien, twemmin jew sess tieghek.

## *Artikolu 15 – Derogazzjoni fi żmien ta’ emerġenza*

Fi żmien ta’ emerġenza jew waqt gwerra il-gvern jista jmur kontra xi drittijiet tiegħek jekk hemm bżonn strettament neċessarju. F’dan il-kaz xorta ma jistax, per ezempju, jittorturak jew joqtlok arbitrarjament.

## *Artikolu 16 – Restriżżjonijiet ta’ attivitajiet politiċi tal-barranin*

Il-Gvern jista jillimita l-attivita’ politika tal-barranin, anke jekk dan immur kontra l-artikoli 10, 11 jew 14.

## *Artikolu 17 – Protezzjoni mil-abbuż tad-drittijiet*

Xejn f’din il-Konvenzjoni ma jista jintuza biex iħassar jew jilledi d-drittijiet u libertajiet li jemanaw minnha.

## *Artikolu 18 - Limitazzjoni fuq l-użu tar-restrizzjonijiet tad-drittijiet*

Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu limitati b’liġi ġenerali li tapplika għal kulħadd. Dawnil-limitazzjonijiet huma permissibli biss jekk strettament neċessarji.

## *Artikolu 19 sa 51*

Dawn l-artikoli jispjegaw kif taħdem il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem.

## *Artikolu 34 – Applikazzjonijiet individwali*

Jekk id-dritijjiet tiegħek li hemm fil-Konvenzjoni ġew miksura min wieħed mil-istati membri, għandek l-ewwel tindirizza l-ilment tiegħek lill-qrati nazzjonali kompetenti. Jekk dawn ma jtukx raġun, tista tapplika lil Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem

## *Artikolu 52 – Talbiet tas- Segretarju Ġenerali*

Jekk is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa hekk jitlob, il Gvern irid jispjega kif il-liġi nazzjonali tipproteġi id-drittijiet li hemm fil-Konvenzjoni.

# *Il-Protokolli tal-Konvenzjoni*

## *Artikolu 1 tal-protokoll numru 1 - Protezzjoni ta' proprjetà*

Għandek id-dritt tkun sid ta proprjetà u li tuza dak li hu tieghek.

## *Artikolu 2 tal-protokoll numru 1 – Id-dritt għall-edukazzjoni*

Għandek id-dritt tmur l-iskola.

## *Artikolu 3 tal-protokoll numru 1 - Id-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa*

Għandek id-dritt tivvota għall-gvern ta' pajjizek permezz ta' vot sigriet.

## *Artikolu 2 tal-protokoll numru 4 - libertà ta' moviment.*

Jekk tinsab legalment ġewwa pajjiz, għandhekk id-dritt tmur fejn trid u tgħix fih fejn trid.

## *Artikolu 1 tal-protokoll numru 6 – Abolizzjoni tal-piena tal-mewt*

Ma tistax tkun ikkundanat għal-mewt jew iġġustizzjat mill-istat.

## *Artikolu 2 tal-protokoll numru – Id-dritt ta' appell f'kaz kriminali*

Jekk ġejt misjub ħati ta' reat kriminali, tista t'appela lil qorti superjuri .

## *Artikolu 3 tal-protokoll numru 7 – Id-dritt għal-kumpenss fil-kas ta' kundanna inġusta*

Jekk wara li ġejt ikkundanat għal-reat, instabt innoċenti, għandek id-dritt għal kumpens.

## *Artikolu 1 tal-protokoll numru 12 – Protezzjoni minn diskriminazzjoni generali*

Ma tistax issofri diskriminazzjoni, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politici, kulur, ilsien, twemmin jew sess tiegħek.